32006H0794

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-16 ta' Novembru 2006

dwar il-monitoraġġ tal-livelli tad-dijossina, PCBs li jixbħu d-dijossina u PCBs mhux bħad-dijossina fil-prodotti ta' l-ikel

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 5425)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2006/794/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari t-tieni inċiż ta' l-Artikolu 211 tiegħu,

Billi,

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 466/2001 tat-8 ta' Marzu 2001 li jistipula livelli massimi għal ċerti kontaminanti fil-prodotti ta' l-ikel [1] jistabbilixxi livelli massimi għad-dijossina u għat-total ta' dijossina u *Polychlorinated Biphenyls* (PCB) bħad-dijossina fil-prodotti ta' l-ikel.

(2) Huwa meħtieġ li tinħoloq dejta affidabbli madwar il-Komunità Ewropea dwar il-preżenza tad-dijossina, *furans* u PCBs bħad-dijossina fl-aktar medda wiesgħa ta' prodotti ta' l-ikel sabiex ikun hemm stampa ċara tax-xejriet kronoloġiċi tal-preżenza ta' dawn is-sustanzi fil-prodotti ta' l-ikel.

(3) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2006/88/KE tas-6 ta' Frar 2006 dwar it-tnaqqis tal-preżenza tad-dijossina, furans u PCBs fl-għalf u fil-prodotti ta' l-ikel [2] tirrakkomanda li l-Istati Membri kull tant żmien iwettqu kontrolli tal-preżenza tad-dijossina, PCBs bħad-dijossina u, jekk possibbli, PCBs mhux bħad-dijossina fil-prodotti ta' l-ikel skond ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2004/705/KE [3].

(4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2004/705/KE tirrakkomanda lill-Istati Membri frekwenza minima ta' kampjuni li għandhom jiġu analizzati kull sena għall-kategoriji differenti ta' prodotti ta' l-ikel kif ukoll il-format li bih għandhom jiġu rrappurtati r-riżultati għall-monitoraġġ tal-preżenza tad-dijossina, *furans* u PCBs bħad-dijossina fil-prodotti ta' l-ikel. Għall-Istati Membri ġodda li ngħaqdu mal-Komunità Ewropea fl-1 ta' Mejju 2004 ġie previst arranġament ta' tranżizzjoni.

(5) Huwa xieraq li l-programm ta' monitoraġġ kurrenti jiġi emendat billi jitqiesu l-esperjenzi miksuba. Ir-Rakkomandazzjoni 2004/705/KE għandha għalhekk tħalli postha għal Rakkomandazzjoni ġdida.

(6) Huwa importanti li d-dejta miksuba taħt din ir-Rakkomandazzjoni tiġi rrapurtata lill-Kummissjoni fuq bażi regolari. Il-Kummissjoni se tiżgura li din id-dejta tiddaħħal fil-bażi tad-dejta. Dejta ta' snin reċenti miksuba permezz ta' l-użu ta' metodu ta' analiżi bi qbil mar-rekwiżiti stipulati mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2002/69/KE tad-29 ta' Lulju li tistabbilixxi l-metodi ta' kif jittieħdu l-kampjuni u l-metodi ta' analiżi għall-kontroll uffiċjali tad-dijossina u d-determinazzjoni ta' PCBs bħad-dijossina fi prodotti ta' l-ikel [4] u li jirriflettu l-livelli tagħhom għandhom jiġu pprovduti wkoll.

B'DAN QED TIRRAKKOMANDA:

1. Li l-Istati Membri mis-sena 2007 'l quddiem sal-31 ta' Diċembru 2008 jwettqu l-monitoraġġ tal-preżenza tad-dijossina, *furans* u *polychlorinated biphenyls* PCBs bħad-dijossina fil-prodotti ta' l-ikel bil-frekwenza minima rakkomandata ta' kampjuni li għandhom jiġu analizzati annwalment, kif previst fit-tabella ta' l-Anness 1 bħala gwida.

2. Li l-Istati Membri, jekk possibli, iwettqu wkoll l-analiżi fuq PCBs mhux bħad-diossina fl-istess kampjuni.

3. Li l-Istati Membri jipprovdu fuq bażi regolari lill-Kummissjoni d-dejta tal-monitoraġġ bit-tagħrif u fil-format kif previst fl-Anness II għall-kompilazzjoni f'bażi tad-dejta waħda. Dejta minn snin reċenti miksuba bl-użu ta' metodu ta' analiżi konformi mar-rekwiżiti, stipulati mid-Direttiva 2002/69/KE u li tirrifletti l-livelli għandha tiġi pprovduta wkoll.

Ir-Rakkomandazzjoni 2004/705/KE hija hawnhekk revokata. Ir-referenzi għar-Rakkomandazzjoni revokata għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din ir-Rakkomandazzjoni.

Magħmul fi Brussel, 16 ta' Novembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 77, 16.3.2001, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 199/2006 (ĠU L 32, 4.2.2006, p. 34).

[2] ĠU L 42, 14.2.2006, p. 26.

[3] ĠU L 321, 22.10.2004, p. 45.

[4] ĠU L 209, 6.8.2002, p. 5. Direttiva kif emendata mid-Direttiva 2004/44/KE (ĠU L 14, 20.4.2004, p. 17).

ANNESS I

Tabella: *Ħarsa ġenerali ta' l-għadd minimu rakkomandat ta' kampjuni ta' ikel biex jiġu analizzati kull sena. Id-distribuzzjoni tal-kampjuni hija bbażata fuq il-produzzjoni f'kull pajjiż. Attenzjoni partikolari hija mogħtija lill-prodotti ta' l-ikel mistennija li jkollhom varjazzjoni kbira fil-livelli tad-dijossina, furans u PCBs bħad-dijossina. Dan huwa il-każ partikolarment għall-ħut.*

Il-prodott, li jinkludi l-prodotti derivati	Akwakultura (*)	Ħut selvaġġ maqbud (**)	Laħam (***)	Ħalib (****)	Bajd (*****)	Ohrajn (******)	Total
Numru ta' kampjuni	250	483	500	250	250	267	2 000
Il-Belġju	4	8	18	8	7	7	52
Id-Danimarka	4	20	14	7	4	6	55
Il-Ġermanja	16	28	55	34	25	36	194
Il-Greċja	6	8	14	8	4	7	47
Spanja	26	36	36	13	24	21	156
Franza	25	30	55	28	28	27	193
L-Irlanda	8	15	15	7	5	4	54
L-Italja	22	24	46	20	26	26	164
Il-Lussemburgu	2	3	6	3	3	3	20
L-Olanda	7	18	26	13	20	8	92
L-Awstrija	3	3	15	8	6	7	43
Il-Portugall	4	12	12	6	5	6	45
Il-Finlandja	4	10	10	6	4	6	40
L-Iżvezja	4	12	10	6	4	6	42
Ir-Renju Unit	15	30	40	19	20	20	144
Ir-Repubblika Ċeka	6	3	11	5	5	5	35
L-Estonja	2	6	7	3	2	4	24
Ċipru	2	6	4	3	2	3	20
Il-Latvja	2	6	7	3	2	4	24
Il-Litwanja	2	6	7	3	2	4	24
L-Ungerija	3	3	11	5	10	5	37
Malta	2	3	4	3	2	3	17
Il-Polonja	10	18	25	13	16	20	102
Is-Slovenja	2	3	7	3	2	4	21
Is-Slovakkja	2	3	7	3	2	4	21
Il-Bulgarija	4	3	9	5	5	4	30
Ir-Rumanija	6	3	11	9	9	10	48
L-Iżlanda	3	69	7	3	2	3	87
In-Norveġja	54	94	11	3	4	4	170
	250	483	500	250	250	267	2 000

Rimarki dwar it-Tabella

Il-ċifri msemmija fit-tabella huma ċifri minimi. L-Istati Membri huma mistiedna li jieħdu aktar kampjuni.

(*) *L-Akwakultura:* Il-kampjuni għall-akwakultura għandhom jinqasmu madwar l-ispeċi ta' ħut proporzjonati mal-produzzjoni. Bħala gwida, id-dejta ta' l-ispeċi speċifika fuq il-produzzjoni ta' ħut u prodotti tal-ħut jista' jintuża "Fatti u Ċifri dwar il-Politika Komuni għas-Sajd – dejta bażika dwar il-Politika Komuni għas-Sajd http://ec.europa.eu/fisheries/publications/facts/pcp06_mt.pdf", Il-Kumunitajiet Ewropej, 2006 u l-mappa "Akwakultura fl-Unjoni Ewropea" http://ec.europa.eu/fisheries/publications/aquaculture05_en.pdf. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-gajdriet, il-mytilidae u s-sallur.

(**) *Ħut selvaġġ maqbud:* Il-kampjuni għall-ħut selvaġġ maqbud għandhom jinqasmu madwar l-ispeċi ta' ħut proporzjonati mal-produzzjoni. Bħala gwida, id-dejta ta' l-ispeċi speċifika fuq il-produzzjoni ta' ħut u prodotti tal-ħut jista' jintuża "Fatti u Ċifri dwar il-Politika Komuni għas-Sajd – dejta bażika dwar il-Politika Komuni għas-Sajd", Il-Komunitajiet Ewropej, Edizzjoni 2006. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lis-sallur selvaġġ maqbud.

(***) *Laħam:* Apparti l-laħam u l-prodotti tal-laħam li joriġinaw minn bhejjem ta' l-ifrat, ħnieżer, pollam u nagħaġ, għadd sinifikanti ta' kampjuni għandhom jittieħdu mil-laħam taż-żiemel, tar-renna, tal-mogħoż, tal-fniek, taċ-ċerv u tal-kaċċa.

(****) *Ħalib:* Il-parti l-kbira tal-kampjuni tal-ħalib għandhom jittieħdu minn ħalib tar-razzett (primarjament ħalib tal-baqra). Huwa xieraq ukoll li jittieħdu kampjuni ta' ħalib u prodotti tal-ħalib apparti kampjuni mill-ħalib tal-baqra (ħalib tan-nagħaġ eċċ...)

(*****) *Bajd:* Attenzjoni partikolari għandha tingħata lill-bajd tat-tiġieġ imrobbi fil-beraħ u anki l-bajd tal-papri, tal-wiżż u tas-summien għandhom jittieħdu bħala kampjun.

(******) *Oħrajn:* F'din il-kategorija attenzjoni partikolari għandha tingħata

— lil supplimenti ta' l-ikel (partikolarment dawk ibbażati fuq żejt ta' organiżmi tal-baħar)

— lil ikel maħsub għat-trabi u għat-tfal żgħar

— lil prodotti ta' l-ikel li joriġinaw minn reġjuni fejn minħabba eż. kondizzjonijiet klimatiċi li jirriżultaw minn għarar, seħħew tibdiliet fil-kondizzjonijiet ta' produzzjoni li possibilment jistgħu jaffettwaw il-konċentrazzjoni tad-dijossina u PCBs bħad-dijossina fil-prodotti ta' l-ikel fir-reġjun.

ANNESS II

A. **Noti ta' spjegazzjoni għall-formula għar-riżultati analitiċi tad-dijossina, furans u PCBs bħad-diossina u PCBs oħra li jinsabu fl-ikel**

1. *Informazzjoni Ġenerali dwar il-kampjuni analizzati*

Kodiċi tal-kampjun: kodiċi ta' identifikazzjoni tal-kampjun

Pajjiż: l-isem ta' l-Istat Membru fejn twettaq il-monitoraġġ

Sena: is-sena li fiha twettaq il-monitoraġġ.

Prodott: il-prodott ta' l-ikel analizzat – iddeskrivi l-prodott ta' l-ikel b'mod l-aktar preċiż possibli

Stadju tal-kummerċjalizzazzjoni: il-post ta' fejn inġabar il-prodott (kampjun)

Tessut: parti mill-prodott analizzat
Espressjoni tar-riżultati: Ir-riżultati għandhom jiġu mfissra fuq il-bażi li fuqhom il-livelli massimi għandhom jiġu stabbiliti. Fil-każ ta' l-analiżi ta' PCBs mhux bħad-dijossina, huwa rrakkomandat ħafna li l-livelli jiġu mfissra fuq l-istess bażi.

Tip ta' kampjuni: kampjuni każwali – riżultati analitiċi minn kampjuni mmirati jistgħu jiġi rrapurtati wkoll imma jrid jiġi indikat b'mod ċar li l-kampjun kien immirat u mhux neċessarjament jirrifletti l-livelli normali.

Numru ta' sottokampjuni: jekk il-kampjun analizzat huwa ġabra ta' kampjuni, l-għadd ta' sottokampjuni (għadd ta' individwi) għandu jkun innotifikat. Jekk ir-riżultat analitiku huwa bbażat fuq kampjun wieħed, 1 għandu jiġi nnotifikat. L-għadd ta' sottokampjuni f' ġabra ta' kampjuni jistgħu jvarjaw, jiġifieri jekk jogħġbok speċifika dan għal kull kampjun.

Metodu ta' produzzzjoni: konvenzjonali/organiku (dettaljat kemm jista' jkun)

Żona: safejn huwa rilevanti, id-distrett jew ir-reġjun fejn inġabar il-kampjun, jekk possibli bl-indikazzjoni jekk tikkonċerna żona rurali, żona urbana, żona industrijali, port, baħar miftuħ, eċċ. Eż. Brussell – żona urbana, Mediterran – baħar miftuħ.

Huwa ta' importanza partikolari li tindika b'mod ċar iż-żona fil-każ li l-kampjun ikun inġabar minn ikel prodott f'reġjuni li ġarrbu l-għarar.

Kontenut tax-xaħam (%): il-persentaġġ tal-kontenut ta' xaħam fil-kampjun

Kontenut ta' umdità (%): il-persentaġġ tal-kontenut ta' umdità fil-kampjun (jekk disponibbli).

2. *Taħgrif ġenerali dwar il-metodu ta' analiżi użat*

Metodu ta' analiżi: irreferi għall-metodu użat

Status ta' l-akkreditazzjoni: speċifika jekk il-metodu analitiku huwiex akkreditat jew le.

Inċertezza: il-limitu ta' deċiżjoni jew il-persentaġġ ta' l-inċertezza mkabbra tal-miżura inkorporata fil-metodu analitiku.

Metodu użat għall-estrazzjoni tal-lipidi: speċifika l-metodu użat għall-estrazzjoni tal-lipidi biex tiddetermina l-kontenut ta' xaħam tal-kampjun.

3. *Riżultati analitiċi*

Dijossina, furans, PCBs bħad-dijossina: ir-riżultati ta' kull konġeneru għandom jkunu rrapurtati f' ppt – picogramm/gramm (pg/g)

PCBs mhux bħad-dijossina: ir-riżultati ta' kull konġeneru għandhom jiġu rrappurtati f' ppb – nanogrammi/gramm jew mikrogram/kilo (ng/g or mg/kg).

LOK: Limitu ta' kwantifikazzjoni f' pg/g (għad-dijossina, furans u PCBs bħad-dijossina) jew µg/kg – ng/g (għall-PCBs mhux bħad-dijossina)

Għall-konġeneri determinati imma inqas mil-LOK (limitu ta' kwantifikazzjoni) fil-kaxxa tar-riżultati għandu jitniżżel bħala < LOK (l-LOK għandu jkun irrappurtat bħala valur).

Għall-konġeneri PCB analizzati flimkien mal-PCB-6 u l-PCBs bħad-diossina, l-għadd ta' konġeneri PCB jeħtieġ jiġu miżjuda mal-formula, eż. 31, 99, 110, eċċ. Jekk il-kampjun huwa analizzat għal aktar konġeneri PCB milli hemm fillieri mmarkati, sempliċement żid fillieri ġodda fil-qiegħ tal-formula.

4. *Rimarki ġenerali għat-tabella*

— Rappurtar tar-rata ta' rkupru

— Ir-rappurtar tar-rata ta' rkupru hija fakultattiva jew ir-rata ta' rkupru għall-konġeneri individwali taqa' bejn is-60 – 120 %. Fil-każ li r-rata ta' rkupru għal xi konġeneri individwali taqa' barra l-medda, ir-rappurtar tar-rata ta' rkupru hija obbligatorja.

— Rappurtar ta' l-LOK

— Ir-rappurtar ta' l-LOK mhijiex meħtieġa iżda fil-kolonna tar-riżultati, il-konġeneri mhux kwantifikabbli għandhom jiġu rrappurtati bħala < LOK (ċifra effettiva)

— Ir-rappurtar tal-valur TEK għall-konġeneri individwali

— Il-kolonna għall-valuri TEK għall-konġeneri individwali hija fakultattiva.

B. Form for reporting of congener specific analytical results of dioxins, furans, dioxin-like PCBs and other PCBs in food

	Il-pajjiż	
	Is-sena	
	Il-prodott	
	L-istadju tal-kummerċjalizzazzjoni	
	It-tessut	
	L-espressjoni tar-riżultati	
	It-tip ta' kampjuni	
	In-numru tal-kampjun.	
	Il-metodu ta' produzzjoni	
	Iż-żona	
	L-għadd ta' sottokampjuni	
	Il-kontenut ta' xaħam (%)	
	Il-kontenut ta' l-umdità (%)	

Rimarki
Tagħrif dwar: Metodu ta' analiżi Status ta' l-akkreditazzjoni Inċertezza (limitu ta' deċiżjoni jew intervall ta' konfidenza) Metodu użat għall-estrazzjoni tal-lipidi

1	dijossina u furans (pg/g)	Konġeneri	TEF	LOK: (ara r-rimarki)	Irkupru (%) (ara r-rimarki)	Ir-riżultati	TEK (ara r-rimarki)
		2,3,7,8 - TCDD	1				
		1,2,3,7,8 - PeCDD	1				
		1,2,3,4,7,8 - HxCDD	0,1				
		1,2,3,6,7,8 - HxCDD	0,1				
		1,2,3,7,8,9 - HxCDD	0,1				
		1,2,3,4,6,7,8 - HpCDD	0,01				
		OCDD	0,0001				
		2,3,7,8 - TCDF	0,1				
		1,2,3,7,8 - PeCDF	0,05				
		2,3,4,7,8 - PeCDF	0,5				
		1,2,3,4,7,8 - HxCDF	0,1				
		1,2,3,6,7,8 - HxCDF	0,1				
		1,2,3,7,8,9 - HxCDF	0,1				
		2,3,4,6,7,8 - HxCDF	0,1				
		1,2,3,4,6,7,8 - HpCDF	0,01				
		1,2,3,4,7,8,9 - HpCDF	0,01				
		OCDF	0,0001				
2	PCBs mhux ortho (pg/g)	Konġeneri PCB	TEF	LOK	Irkupru (%) (ara r-rimarki)	Ir-riżultati	TEK (ara r-rimarki)
		PCB-77	0,0001				
		PCB-81	0,0001				
		PCB-126	0,1				
		PCB-169	0,01				

Total TEK-PCDD/PCDF	
Limitu għoli	
Valur medju	
Limitu baxx	

3	PCBs mhux ortho (pg/g)	Konġeneri PCB	TEF	LOK	Irkupru (%) (ara r-rimarki)	Ir-riżultati	TEK (ara r-rimarki)
		PCB-105	0,0001				
		PCB-114	0,0005				
		PCB-118	0,0001				
		PCB-123	0,0001				
		PCB-156	0,0005				
		PCB-157	0,0005				
		PCB-167	0,00001				
		PCB-189	0,0001				

Total TEK-PCB	
Limitu għoli	
Valur medju	
Limitu baxx	

PCBs MHUX BĦAD-DIJOSSINA

4	PCB-6 (µg/kg jew ppb)	Konġeneri PCB		LOK	Ir-riżultati
	Tagħrif dwar: Metodu ta' analiżi Status ta' l-akkreditazzjoni Inċertezza (limitu ta' deċiżjoni jew intervall ta' konfidenza)	PCB-	28		
		PCB-	52		
		PCB-	101		
		PCB-	138		
		PCB-	153		
		PCB-	180		
			Total PCB-6	—	

5	PCBs ohra (µg/kg jew ppb)	Konġeneri PCB		LOK	Ir-riżultati
	Tagħrif dwar il-metodu ta' analiżi, l-istatus ta' akkreditazzjoni jew inċertezza: jiġi rrapurtat biss jekk differenti minn PCB-6	PCB-			
		PCB-			
		PCB-			
		PCB-			
		PCB-			
		PCB-			
		PCB-			
		PCB-			
		PCB-			
		PCB-			
		PCB-			
		PCB-			
		PCB-			
		PCB-			
		PCB-			
		PCB-			
		PCB-			
		PCB-			
		PCB-			
		PCB-			
		PCB-			
		PCB-			
		PCB-			
		PCB-			